MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 1020/2003

**Lloyds Malta Limited bhala rapprezentanti ex lege ghan-nom tal-membri ta' Llyods u Rausi Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Carmelo Attard**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fi-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Mejju 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex is-socjeta` konvenuta thallas 1-ammont ta' Lm1126.44 (elf mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu) rapprezentanti ta' danni ikkagunati f'incident awtomobilistiku fil-Floriana.

Fl-avviz tat-talba intqal li:-
L-ammont huwa dovut mill-konvenut bhala hlas ta' danni minnu kawzati fuq il-karozza CBB401 propjeta` ta' Espdito Cassar, assikurata mill-atturi li huma surrogati fid-drittijiet tieghu, waqt li l-konvenut bi traskuragni u nuqqas ta' tharis

ta' regolamenti tat-traffiku habat gol-karozza imsemmija fil-Floriana, u b'digriet tal-14 ta' Ottubru 2003 flok id-data 14 ta' Lulju 2002 ghandha tigi 8 ta' Ottubru 2002, waqt li hu kien qed isuq ix-xarabank GVH141.

Ra r-risposta fejn inghad li:-
Mhux minnu li d-danni ikkagunati lil Esposito Cassar saru bi traskuragni u b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku minn Carmelo Attard, izda kien proprio Esposito Cassar li kkontribwixxa ghad-danni kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza.

Illi l-incident ma sehx fl-14 ta' Lulju 2002 kif jiddikjara l-attur.

Ra il-kontro talba fejn intghalab l-ammont ta' Lm100 u inghad li l-incident sar bi traskuragni u b'nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti minn Esposito Cassar.

Ra li s-socjeta` naqset li tipprezenta risposta ghal kontrotalba.

Sema' x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi hija lampanti x-xhieda moghtija mill-konvenut fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2004. L-ambjent fejn issuccieda l-incident mhux wiehed felici ghal manuvra ta' 'coach' bhal dak misjuq mill-konvenut. Bit-tul u gholi tieghu, kien ferm difficli biex jigi manuvrat biex imur fid-direzzjoni tieghu. Tant hu hekk li kellu jinvadi totalment il-karreggjata opposta biex jikkwartjah u jkun jista idur. Jidher li l-konvenut huwa ferm pratikuz f'dik il-manuvra billi jaghmielha regolament. Kif irrankonta huwa stess anke l-vizwali tieghu huma ferm cirkoskritti.

Tenut kont ta' dawn id-diffikultajiet u menomazzjonijiet, l-imperizia tal-konvneut hija ferm aktar grossolana. Ma jistax jaddebita l-oneru tieghu fuq l-assikurat tal-atturi. Dana kien fi triqtu, fil-karreggjata tieghu, jara lil 'coach' gejja ghal fuqhu. Di fatti anke s-successjoni tal-fatti hija kontestata bejn iz-zewg konducenti. Skond hu n-nuqqas

tieghu kien li jarah ferm qablu u allura kellu jiehu l-prekawzjoni fil-mument opportun. Da parti tieghu, il-konvenut gie nnotat li kien qed jissara mal-‘coach’ biex jipprova jwaqqfu.

Illi ma jigi skontrat l-ebda nuqqas u/jew kontribuzzjoni da parti tal-assigurat tal-atturi.

Relattivament ghal kontro-talba, jigi ribadit illi diment ix-xufier ‘ex adverso’ ma jkun parti fil-kawza sia ghax mhux propjetarju u sia jekk ikun il-propretarju ma jigix involut bhala attur fil-kawza attrici, il-kontro talba tal-konvenut fil-konfront tieghu ma tistax tigi sanata. Aktar u aktar meta l-konvenut ma jkunx hu l-propjetarju tal-vettura minnu misjuqa. Trid issir kawza ‘ad hoc’ u in vista tal-konnessjoni taghha timxi ma dik attrici.

Id-danni attrici ma gewx kontestati u qed jigu akkordati.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjoni u kontro-talba tal-konvenut jilqa` t-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ elf mija tnejn u sittin Lira u erba` u erbghin centezmu (Lm1162.44) bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------